*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 41*

***5.30p.m 9 ta' Frar 2022***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

## *41.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

41.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet li tiġi skużata.

## *41.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

41.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 40. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

41.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Ministeru tal-Kultura u l-Gvern Lokali qed jivvutaw fond ta' €20,000 li bihom jixtiequ li l-Kunsill jagħmlu riġenerazzjoni tal-Ġnien 6 t'Awissu, fosthom billi jinżabru s-siġar, jiġu nstallati l-kameras fil-Ġnien u jiżdied id-dawl. B'dan il-mod il-Kunsill ser ikun qed jgħin biex jitnaqqsu l-abbużi, apparti l-fatt li l-Ġnien b'mod ħolistiku ikun qed jingħata dehra ferm isbaħ min dik attwali.

41.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wasslet talba mis-Surgent tal-Community Police sabiex il-Kunsill jieħu erbgħa karozzi abbandunati, minħabba l-fatt li attwalment hemm ħafna back-log ta' karozzi abbandunati li mhux qed tieħu Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li fil-passat każijiet simili poġġew il-Kunsill ta' dak iż-żmien f'diffikulta' hekk kif sidien ta' karozzi li kienu l-isptar għal tul ta' żmien sabu l-karozzi tagħhom ittowjati. Apparti hekk huwa saħaq li jekk f'dawn il-karozzi qed isiru abbużi huwa importanti li l-Pulizija jieħu ħsiebhom. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, il-kunsilliera afdaw ir-responsabilita' f'idejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill biex tiddeċiedi fuq każi partikolari u s-Sindku qal li ser ikun qed ikellem lis-Surgent personalment.

## *41.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

41.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa jekk kienx hemm xi komunikat uffiċjali mill-Kunsill Lokali lill-għaqdiet tal-lokal. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li le, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li l-għaqdiet kollha kienu jafu li ser ikunu parteċipi għall-attivitajiet tal-lokal u hadd minnhom ma ġie eskluż.

41.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li rċieva email dwar art li hemm Triq Santa Rita biswit is-substation, fejn hemm ammont ta' ħmieġ u telqa', apparti fence li qed tkerraħ l-post. Huwa staqsa jekk huwiex possibli li jitneħħa l-fence u jitnaddaf il-post. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jitlob lill-Cleansing Department sabiex inaddfu l-post imsemmi min Diċembru Tlettax, u l-Community Police biex l-akkwata ma tkunx post ta' abbuż.

41.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li qed jirċievi numru t'ilmenti min residenti li qed isibuha diffiċli ħafna li jirkbu t-trasport pubbliku wara l-għeluq ta' Triq Cordina Perez fil-Ħamrun u hemm bżonn li bħala Kunsill jinstabu soluzzjonijiet. Qamet diskussjoni fost dawk preżenti fejn il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jistgħu jsiru lights biex jirregolaw it-traffiku. Il-Viċi Sindku qal li l-Malta Public Transport tista' ddaħħal vetturi zgħar biex dawn jgħaddu min din it-triq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn kollha huma possibilitajiet li l-Kunsill jista' jressaq għall-attenzjoni tal-awtorita'.

41.4.4 il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li hemm bżonn titweħħel mera inti u ħiereġ min Għabex. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill jista' jmexxi fuq din il-proposta.

## *41.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 02/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *41.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

41.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Ministeru tal-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni ħarġet skema għall-Kunsilli Lokali sabiex dawn japplikaw għall-installazjoni ta' "fixed percussion exhibits' fil-ġonna. L-applikazzjoni trid tintbgħat sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar. Wara li ħadd ma kellu mistoqsijiet dwar dan, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li v-vot favur l-applikazzjoni kien unanimu.

41.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Direttorat tal-Gvern Lokali ħareġ skema għall-iżvilupp u titjib tal-playing fields. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa kien ser iressaq l-applikazzjoni tiegħu sa mhux aktar mid-29 t'April. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unaimu.

41.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Grupp Battlefront Living History għandhu proposta biex jagħmlu reanactment tal-wasla tal-George Cross kif kienet saret fil-Marsa fis-sena 1942. Il-prezz globali jammonta għall-€3,093 b'kollox. Il-Viċi Sindku ssekonda, filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Fuq nota simili s-Sindku qal li hemm grupp ieħor The People of Malta li qed joffru tlett pakketti ta' ritratti. Wara diskussjoni il-kunsilliera rawħ għoli ħafna u għaldaqstant mhux ser jinxtara' dan is-servizz. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

41.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed jressaq proposta li kienet mgħotija mill-Kunsill lill-Banda Marija Reġina. Dawn qablu bejniethom biex issir mill-Kumitat Festi Esterni. Il-Kumitat lest li jaħdem dan l-arblu u l-Kunsill qed jiġi mitlub jekk jistgħax jagħmel il-bażi, it-toqba u dak kollu li hemm bżonn biex l-arblu jitwaqqaf f'postu. Kien hawn diskussjoni dwar jekk arblu fil-post imsemmi ħdejn il-kanun għandhu bżonn permessi, apparti kwistjonijiet oħra ta' sigurta'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qed jipproponi li jsiru 4 arbli tal-fiber u li jkunu f'idejn il-Kunsill, biex kull għaqda jkollha arblu. Is-Sindku spejga li l-ewwel ħaġa li trid issir huwa li l-Kunsill ikellem il-Transport Malta jekk din tistgħax issir, anke minħabba l-użu tal-art. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur li jkunu involuti Transport Malta kien unanimu.

41.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Pageant Group ta' Marija Reġina ser itellgħu wirja artistika li ser tkun miftuħa mis-7 t'April sa 16 t'April 2022, apparti l-pageant li ser isir f'Ħadd il-Palm fl-10 t'April. Għaldaqstant qed jinkludu lista ta' materjal li għandhom bżonn għaż-żewġ attivitajiet. Il-prezz tal-materjal li hemm bżonn jammonta għall-€8,500. Barra min hekk qed jinformaw il-Kunsill li l-kxif tal-monument ta' Patri Mario Azzopardi ser issir nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju. Is-Sindku qal li huwa ser ikellem lill-President tal-għaqda għaliex qed jara li l-prezz huwa wieħed għoli wisq. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur li jiġi diskuss dan il-prezz kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat mill-laqgħa fis-7.00p.m

## *41.7 Vann tal-Anzjani – Deċiżjoni dwar Driver*

41.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li attwalment il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni ċara dwar kif il-vann li għandhu l-Kunsill ser ikun qed jinstaq. Il-ħsieb huwa li ikun hemm vakanza t'impjieg biex il-Kunsill ikollu driver fuq skala 18 għal għoxrin siegħa fil-gimgħa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibilita' li l-Kunsill ikollu kumpanija privata li tforni d-driver. Is-Sindku jaqbel li naraw il-possibilitajiet kollha nvoluti f'dan il-proċess, madankollu jekk insibu li mill-privat m'hemmx possibilitajiet kredibbli, anke minħabba prezzijiet għoljin, huwa jixtieq li l-Kunsill ikompli jmexxi fuq driver bħala impjieġ. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *41.8 Stazzjon tat-Tramm u l-Open Centre*

41.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-binja li kienet tal-open centre qed isir xogħol infrastrutturali estensiv, biex eventawalment dan jinbidel fiċ-ċentru amministrattiv tal-AWAS. Apparti hekk hemm ground u kamra li ser ikunu qed jingħataw lill-Kunsill. Il-ground huwa fi stat tajjeb għaliex sar fis-sena 2018. Sadanittant, ħaddiema tal-Cleansing naddfu totalment it-tram station u l-bibien ingħalqu sabiex ma jsirux aktar abbużi fil-binja. Is-Sindku qal li l-bini tat-tram tkun tista' ssir mużew, imma l-ownership tal-post ikun dejjem tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni dwar x'jista' jsir mill-bini, u jekk l-AWAS għandhomx dritt ikollhom il-binja kollha. Is-Sindku talab jekk hemmx qbil li l-perit tal-Kunsill jagħmilx rapport tal-binja li ser ikunu qed nieħdu. Wara li ħadd min dawk preżenti ma oġġezzjona għal dan, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jiġi skuzat mill-laqgħa fis-7.25p.m

## 41.9 Belt Kulturali – Press Conference/Attivitajiet Jannar, Frar u Marzu

41.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fix-xhur li ġejjin ser jiġu ppjanati dawn l-attivitajiet; fi Frar, kompetizzjoni tat-tfal, f'Marzu il-platti tal-melħ, April, arti fil-Knisja ta' Marija Reġina, f'Mejju, Breakfast on the Bridge u f'Ġunju lejla safija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ġibed għall-attenzjoni ta' dawk preżenti li l-Guggen Band ser ikun qegħdin jagħmlu żewġ attivitajiet bl-istess baġit, hekk kif waħda ser tkun qed tittella attivita' f'Mejju. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 41.10 Espressjoni t'Interess – Designer ta' Mappep u Xeni Lokali

41.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wera' mappa b'disinn li jirriflettu l-lokalitajiet ta' madwar Malta. Il-ħsieb huwa li ssir mappa b'xeni lokali tal-Marsa. Dan ser ikun il-bidu biex il-quddiem il-Kunsill iffassal heritage trails, b'installazzjonijiet permanenti madwar il-lokalita', bil-għan li l-lokalita' tal-Marsa tiġi ferm aktar apprezzata. Għal dan il-għan is-Sindku qed jitlob biex il-Kunsill joħroġ sejħa għall-artisti biex jagħmlu dawn id-disinji, li jistgħu jiġu nklużi fi drawing book ukoll. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 41.11Budget Finanzjarju 2022

41.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont tal-Budget għal din is-sena. Hawnhekk rajna li skond l-allokazzjoni finanzjarja l-Gvern Ċentrali ser ikun qed jagħti l-Kunsill €616,894, apparti flejjes oħra li ser jiġu min skemi tal-Gvern, u €45,000 mill-WasteServ bħala rimbors fuq il-ġbir tal-borża organika. Sadanitant, l-infieq tal-Kunsill ser ikun mistenni li jibqa' fl-istess livelli ta' dawk tas-sena l-oħra, ħlief għall-żieda fil-paġi hekk kif issa hemm paga full-time u żieda fl-iskala t'impjegata. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur l-approvazzjoni tad-dokument kien wieħed unanimu.

## 41.12 Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart tas-Sena 2021

41.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill matul l-aħħar tlett xhur tas-sena 2021. Matul dan il-perjodu l-Kunsill rreġistra defiċit ta' madwar €40,000 wara li ġie maħdum fil-kalkolu t-tnaqqis fil-valur tal-assi tal-Kunsill ta' madwar €93,500. Dan bl-ebda mod ma naqqas l-andament pożittiv li l-Kunsill rreġistra matul dawn l-aħħar xhur, fejn l-indikatur ewlieni tal-FSI kien fil-livelli ta' 21%. Wara li

ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *41.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

41.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Marzu fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| | |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |